MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 686/2001/1

**Noel Xuereb**

**vs**

**CTB Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-29 ta' April 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' elf u tlett mitt Lira (Lm1300)rapprezenanti pagament akkont imhallas kif spjegat fl-istess aviz;

Ra lil-konvenut eccepixxa li l-ammont mitlub mhux dovut stante li x-xoghol ordnat mill-attur mis-socjeta' konvenuta ingustament;

Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti;

Illi l-attur xehed li s-socjeta' konvenuta kellha taghmel xoghol fid-dar tieghu. l-attur kien ihallas depositu ta' elf u tlett mitt Lira (Lm1300) in konnessjoni ma' dan ix-xoghol. L-attur ghamel l-ordni fis-6 ta' Novembru tas-sena elfejn is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti sallum;

Christopher Bonello ghas-socjet'a konvenuta xehed li wara l-attur ghamel l-ordni izda qatt ma sar ftehim dwar meta s-socjeta' konvenuta kellha taghmel delivery;

Illi skond l-artikolu 1640 (3) tal-Kodici Civili- "If the employer has a valid reason for the dissolution, he is to pay the contractor only such sum which shall not exceed the expenses and work of the contractor, after taking into consideration the usefulness of such expenses and work to the employer as well as any damages which he may heve suffered";

Artikolu 1640(4) jipprovdi, " any advantage made to the contractor before the dissolution of the contract shall be applied to the sums due in terms of subsection (2) or (3) of this section and the contractor shall return eny resulting excess to the employer";

Illi jirrizulta ampjament li s-socjeta' konvenuta naqset mill-obbligi taghha. Kellha d-depositu fis-6 ta' Novembru, 2000 izda minkejja diversi ittri li taghmel ix-xoghol kif miftiehem;

Illi l-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti "in good faith". L-attur talab servizz mis-socjeta' konvenuta u fis-6 ta' Novembru, 2000 hallas l-ammont ta' elf tlett mija uerba' u erbghin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezm(Lm 1344.25) lill-istess socjeta' konvenuta. Illi kif jirrizulta minn dokumenti NX l-attur ghamel diversi tentattivi sabiex jihu xi tip ta' risposta minn ghand is-socjeta' konvenuta dwar

ix-xoghol. Illi l-attur imbaghad ipprezenta din il-kawza f' Awissu, 2001. Illi sa dakinhar l-attur kien ipprezenta l-kawza. S-socjeta' konvenuta ma taghat ebda risposta sodisfacenti dwar ix-xoghol in kwistjoni;

Illi s-socjeta' konvenuta naqset li tipprezenta provi dwar il-valur tax-xoghol maghmul minnha;

Ili s-socjeta' konvenuta pprezentant rikors fejn talbet li tipprezenta eccezzjoniiet ulterjuri;

Illi dan ir-rikors gie michud billi s-socjeta'konvenuta kienet taf bl-ezistenza ta' tali eccezzjoni meta pprezentat l-eccezzjonjiet originalment;

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi tichad l-eccezzjonijiiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' tal-attur bl-ispejjs u bl-imghax mid-data tas-sentenza."

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b'din id-decizjoni u interponiet appell minnha bl-obbjezzjoni illi t-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-ekwita` u dan bi ksur ta' l-Artikoli 8 (2)(d) ta' l-Att V ta' l-1995. Huwa donnu jirpoza dan l-aggravju tieghu fuq il-kontezzjoni rakkjuza fir-ragunament illi t-Tribunal ma ippermettielux iressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens li d-depozitu li kien inizzjalment sar mill-attur appellat ma kienx rifondibbli. Jargomenta wkoll illi f'kull kaz l-ewwel eccezzjoni tieghu li t-terminazzjoni kienet wahda ingusta kienet tkopri din il-kontingenza u allura t-Tribunal messu ikkonsidra li l-patt fis-sens premess, sottoskritt mill-appellat, kien jivvinkola lill-istess attur.

L-Artikolu 7 (1) tal-Kap 380 jiddisponi illi "t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu <u>principalment</u> skond l-ekwita`". Naturalment, dan ma jeskludiex illi l-apprezzament li jaghmel it-tribunal mil-lat ta' ekwita` ma kellux jkun ibbazat ukoll fuq konsiderazzjonijiet ta' dritt. Certi regoli bazici u fundamentali in materja ta' provi, u l-evalwazzjoni dwarhom, kellhom jibqghu jimperaw anke fil-kaz tal-

proceduri rimessi bl-Att imsemmi ghall-attenzjoni tat-Tribunal. Regoli tramandati mid-dritt Ruman. Primarji fosthom ir-regoli “qui allegat incumbit probatio”, “iuxta allegata et probata” u “actor non probante, reus absolvitur”, fost ohrajn.

Irid allura jigi indagat jekk l-aggravju sollevat mis-socjeta’ appellanti ghandux fondament fuq il-bazi tal-fatti akkwiziti. Fuq kollox u senjatament, jekk it-Tribunal, f’kaz li ghamel ezercizzju tal-principji tal-ekwita`, mexiex konformement ma’ dawn l-istess principji.

Fil-qosor il-fatti ri-epilogati huma dawn:-

(i) L-attur jghid li ippjazza ordni mas-socjeta` konvenuta ghal xoghol ta’ aperturi u l-ftehim gie konkjuz fis-6 ta’ Novembru 2000, f’liema data hallas ukoll somma bhala akkont tal-appalt maqbul.
(ii) L-attur (fol 34) jghid ukoll li x-xoghol kellu jigi fornit fi zmien ghaxart (10) ijiem. Minn naha l-ohra s-socjeta` konvenuta tobbjetta illi ma kien hemm l-ebda zmien pattwit. Ara deposizzjoni ta’ Christopher Bonello (seduta 28 ta’ Frar 2002).
(iii) L-attur isostni inoltre illi nonostante l-faxes tieghu (fol 27 u 30), l-ittra tal-avukat tieghu tas-7 ta’ Mejju 2001 (fol 31) u l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Lulju 2001, ilkoll esebiti, s-socjeta` konvenuta baqghet passiva u allura hu ghadda biex jittermina l-ftehim.

Fil-gudizzju tieghu t-Tribunal apporta ruhu ghal dawn il-fatti u ikkummenta fuq il-fatt tas-silenzju tas-socjeta` konvenuta ghad-diversi missivi tal-attur domandanti l-konsenja. Konsenja illi, kif ragjonevolment dedott mit-talba inizzjali tal-attur ghal kwotazzjoni (fol 16), l-istess attur kien esigenti fuq il-fattur zmien. Din il-preokkupazzjoni tieghu ghall-ispedizzjoni bikrija tal-ordni rimpjazzata tinhass tant ovvja mill-qari tad-dokumenti surreferiti, illi l-Qorti ma tasalx biex taghti affidament lir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta meta stqarr illi “*qatt ma sar ftehim meta kelli nikkonsenja u naghmel delivery ta’ kollox*”.

Huma dawn l-aspetti rizultanti mill-provi li t-Tribunal ha in konsiderazzjoni u applika l-ligi li tghodd ghalihom (Art 1640 tal-Kap 16).

Jigi notat illi l-attur seta’ jwaqqaf lill-appaltatur meta jrid, u kwalunkwe motiv hu bizzejjed. Meta l-motiv huwa sempliciment espressjoni ta’ volonta` l-konsegwenzi huma dawk traccjati fis-subinciz (2) ghall-precitat artikolu; meta, invece, il-kommittent iholl il-kuntratt minhabba inadempjenza kontrattwali tal-appaltatur, il-konsegwenzi huma dawk stabbiliti fis-subinciz (3).

Minn dan s’issa precizat ma jirrizultax illi t-Tribunal applika xi principji ta’ ekwita`.

L-appellanti pero` jilmenta mill-fatt illi t-Tribunal meta gie biex japplika l-effetti tas-subinciz (3) ghall-Art. 1640, dan iddikjara illi s-socjeta` konvenuta naqqset li tipprezenta provi dwar il-valur tax-xoghlijiet minnha maghmul. Il-kontenzjoni tieghu hi li tali prova kienet tinsab in atti skond dokument CTB1.

Il-Qorti ezaminat dan id-dokument u jista’ jinghad li minnu ma jirrizultax dak pretiz mis-socjeta` appellanti. Dan id-dokument hu biss “quotation” tax-xoghlijiet izda ma jirrapprezentax il-valur tax-xoghlijiet effettivament ezegwiti u tal-ispejjez inkorsi mill-appaltatur. Dejjem, s’intendi konsiderati l-aspetti l-ohra entro l-paramentri ta’ dak dettat fl-imsemmi subinciz (3). Ma hemm xejn allura censurabbli fl-affermazzjoni tat-Tribunal fuq dan il-punt u f’dan il-kuntest.

Hemm imbaghad il-lanjanza l-ohra sottomessa mis-socjeta` appellanti bazata fuq id-dicitura kaptata mill-kuntratt ta’ ftehim li tghid illi “*Deposit is not refundable*”.

Issa anke kieku wiehed kellu jaccetta dan l-ilment in via ta’ eccezzjoni, li del resto l-istess socjeta` appellanti ssostni li kienet involuta fl-ewwel eccezzjoni taghha, l-istess ma jistax jinghad li din timmerita li tircievi akkoljiment. Dan ghaliex fejn tinsab redatta wiehed logikament jifhem illi d-depozitu ma jigix rifuz fil-kaz li l-“claim” dwar difetti fix-

xoghlijiet ma titqanqalx bi prontezza. Li jfisser li hu biss f'din is-sitwazzjoni jew fejn it-terminazzjoni tal-appalt tkun wahda illogika jew kapriccjuza illi r-rifuzjoni mhiex konsentita. Tali cirkostanza ma tinsorgiex f'dan il-kaz.

Stabbilit dan kollu fuq espost ma jkunx inopportun jekk ghal darba ohra tigi sottolinejata l-veduta espressa minn dina l-Qorti f'kawzi ohra. Dik, cjoe, illi s-setgha affidata mill-ligi ta' l-applikazzjoni tal-principji ta' ekwita` ma ghandiex tigi ridotta ghal semplici formula li sservi bhala skappatoja in assenza ta' provi. Huwa prezunt illi kull decizjoni tkun bazata fuq il-provi istruttorji, il-ligi, il-gustizzja sostanzjali, moderata, fejn mehtieg, mill-principji ta' ekwita`.

Jinkombi ghalhekk bhala regola indispensabbli tad-dritt illi l-parti taghmel uzu mill-mezzi kollha ammessi mill-ordinament guridiku u tforni dawk l-elementi probatorji li jkollha fil-pussess taghha. L-applikazzjoni ta' l-ekwita` ghall-provi ma tezonerahiex minn dan l-obbligu u oneru. Dan l-isforz diligenti ghandu jkun l-obbjett primarju f'kull kaz. Cirkostanza din, li kif ravvizat mis-sentenza appellata, s-socjeta` appellanti ma kkoltivatx bizzejjed u b'mod sufficcjentement ezawrjenti.

L-appell taghha ghalhekk ma jistax jigi sostenut u sincerament dina l-Qorti ma tara l-ebda vjolazzjoni ta' xi dritt ekwitattiv li b'xi mod jista' jinghad, fit-termini tal-ligi, li "ippregudika l-jeddijiet ta' min jappella".

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

---------------------------------TMIEM---------------------------------